MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 119/2003/1

**Reverendu Dun Karm Grech**

**v.**

**Anton F Attard**

## Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fit-18 ta' Novembru, 2003, li jaqra hekk:
"Peress illi l-konvenut huwa l-awtur ta' ktejjeb bl-isem 'L-Arċi-Matriċi li Qatt ma Kienet" ippubblikat f'Għawdex matul is-sena elfejn u tlieta (2003).

"Peress illi għalkemm dan il-ktieb ġie deskritt bħala kontruttiva bi tweġiba għal pubblikazzjoni oħra li kienet saret fl-elf disa' mija u sitta u disgħin (1996) mill-attur bl-isem "Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u tal-Gżira ta' Għawdex" l-kontenut tiegħu imur ferm oltre sempliċi kritika tal-kontenut ta' dak li kiteb u fih sensiela ta' attakki personali diretti w indiretti fil-konfront tal-attur u fuq l-integrita' personali tiegħu.

"Peress illi l-ktejjeb ta malafama lill-attur, bl-attribuzzjonijiet ta' imputazzjonijiet speċifiċi inġurjużi li jwasslu għal nuqqas ta' reputazzjoni u jesponuh għar-redikolu jew għal disprezz tal-pubbliku, liema reputazzjoni l-attur għandu kull jedd jittutela skond il-liġi.

"Peress illi konsegwentement il-konvenut huwa responsabbli lejn l-attur għad-danni kollha sofferti minnu minħabba din il-pubblikazzjoni.

"Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara li l-kontenut tal-publikazzjoni tal-konvenut fuq imsemmi tikkonstitwixxi malafama a dannu tal-attur u konsegwentement li l-konvenut hu ħati ta' din il-malafama.

"2. Tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minuu sofferti in segwitu għal dina l-malafama inkluż bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

"3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat kif fuq imsemmi.

"Bl-ispejjeż in dik tal-ittra uffiċjali ppreżentata f'Ottubru 2003 u bl-interess legali."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:
"1. Illi in linea preliminari, l-attur naqas illi jindika b'mod korrett, dettaljat u akkurat liema parti jew partijiet, mill-ktejjeb qegħda skond huwa tikkostitwixxi 'attakk personali

dirett u indirett fil-konfront tiegħu, u fuq l-integrita' personali tiegħu', u għalhekk l-esponenti qiegħed isib ruħu fi grad illi ma jistax jiddefeni ruħu minn din il-kawża adegwatament għaliex ma jafx minn xhiex qiegħed jilmenta l-attur. Dan iwassal għal nullita' radikali fiċ-ċitazzjoni illi ma jistax jiġi sanat, u għalhekk l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju.

“2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-meritu mhux minnu illi l-ktejjeb, jew xi parti minnu, fiha jew tikkostitwixxi xsi 'attakk personali dirett u indirett fil-konfront tal-attur u fuq l-integrita' personali tiegħu', u lanqas huwa minnu illi dan il-ktejjeb fih xi 'imputazzjonijiet speċifiċi inġurjużi li jwasslu għal nuqqas ta' reputazzjoni' jew 'jesponu (lill-attur) għar-redikolu jew għal disprezz tal-pubbliku', u għalhekk it-talbiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

“3. Illi fil-ktejjeb tiegħu, l-esponenti illimita ruħu sabiex juri bl-aktar mod ċar possibbli l-fallaċja ta' ċerti ipotesi u teoriji esposti mill-attur fil-ktieb tiegħu, u b'ebda mod u manjiera ma mar oltre jew infexx f'xi attakk personali kontra l-attur.

“4. Għall-kuntrarju l-kummenti kollha inklużi fil-ktejjeb de quo jinkwadraw ruħhom perfettament fl-ambitu tal-*fair comment,* u huma leċiti u permissibbli skond il-liġi tal-istampa, kif sejjer jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

“5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fis-7 ta' Novembru, 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:
“… … … billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u:

“1. tiddikjara li l-kontenut tal-pubblikazzjoni tal-konvenut intitolata 'L-Arċi-Matriċi li Qatt ma Kienet" stampata fis-sena elfejn u tlieta (2003) tikkostitwixxi

malafama a dannu ta' l-attur u konsegwentement il-konvenut hu ħati ta' din il-malafama;

“2. tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minnu sofferti in segwitu għal din il-malafama bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28(1) tal-Kap. 248, fis-somma ta' elf u ħames mitt ewro (Eur1500); u

“3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjeż u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-kawża hija waħda taħt l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) għall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur, in linea ta' danni kkaġunati minħabba allegata malafama li saret lilu bil-pubblikazzjoni tal-ktieb intitolat "**L-Arci-matrici li Qatt ma Kienet**" ppublikat fis-sena 2003.[1] Dan il-ktieb, kif jistqarr l-awtur fl-istess faċċata tiegħu, huwa "*studju kritiku dwar il-ktieb ta' Karmenu Grech **'Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-belt u l-Gżira ta' Għawdex**'* " li kien ġie pubblikat fl-1996. L-isfond tal-polemika li wasslet għal din il-kawża hija l-kwistjoni li ilha għaddejja għal diversi snin bejn iż-żewġ parroċċi tar-Rabat dwar liema minnhom jistħoqqilha t-titolu ta' matriċi. Mill-affidavit tiegħu[2] l-attur jidher li ħassu offiż b'diversi partijiet ta' dan il-ktieb, u b'mod partikolari bis-siltiet indikati fil-lista annessa ma' l-istess affidavit.[3]

“Bl-eċċezzjoni preliminari tiegħu l-konvenut eċċepixxa n-nullita' taċ-ċitazzjoni, peress li l-attur, fil-fehma tiegħu, naqas milli jindika b'mod korrett, dettaljat u akkurat liema parti jew partijiet mill-ktejjeb qegħda skond huwa tikkostitwixxi attakk personali, dirett u indirett fil-konfront tiegħu u fuq l-integrita' personali tiegħu, bil-konsegwenza

[1] Dok. A anness mac-citazzjoni a fol. 5 - 40 tal-process .
[2] a fol. 53 - 54 tal-process .
[3] Dok. KG2 a fol.55 - 60

li huwa qed isib diffikolta' jiddefendi ruħu sewwa għaliex ma jafx minn x'hiex qed jilmenta l-attur.

“Imma kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell: *"…. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat****. Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita' minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-ligi… kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat****.' "* [4]

“Hekk ukoll ingħad illi: "… *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [5]

“Huwa minnu illi fil-każ in eżami l-attur ma jsemmix fiċ-ċitazzjoni l-brani kollha mill-ktejjeb in kwistjoni li huwa ħass ruħu offiż bihom. B'daqshekk pero' l-konvenut ma jistax ikun ġustifikat fl-allegazzjoni tiegħu li ma setax jiddefendi ruħu sewwa f'din il-kawża. Apparti l-fatt illi l-attur, proprju fl-ewwel seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju, elenka fid-dettal il-partijiet kollha minn dan il-ktejjeb li bihom l-iktar li ħassu inġurjat, u allura sa mill-bidu tas-smiegħ tal-kawża l-konvenut kellu kull opportunita' jiddefendi ruħu, jirriżulta sew mill-provi li ressaq u anke min-nota ta' l-oOsservazzjonijiet tiegħu, li huwa ma ġie bl-ebda mod ippreġudikat fid-difiża tiegħu. Ir-raġuni msemmija fl-istess nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, li

---

[4] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998 kollez. vol. LXXXII.. II. 1311

[5] Appell : Guido J. Vella A.& CE vs Dr. Emanuel Cefai Ll.D. : 4.11.1991 vol. LXXV.II.474

huwa ma kienx jaf għandux jiddefendu ruħu bl-eċċezzjoni tal-*fair comment* jew inkella b'dik tal-verita' tal-fatti, ma tantx setgħet sabet applikazzjoni fil-każ in eżami. Dan għaliex il-konvenut messu kien jaf sa minn meta rċieva din iċ-ċitazzjoni li tali eċċezzjoni ma kienitx applikabbli għall-każ in eżami, billi l-attur bħala qassis u edukatur irtirat, li ma ippubblikax il-ktieb tiegħu fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, ma jikkwalifikax bħala wieħed mill-persuni ndikati fl-artikolu 12 tal-Kap. 248. Din l-eċċezzjoni preliminari qed tiġi għalhekk minnufih miċħuda.

“Fil-mertu mbagħad, il-konvenut jiddefendi ruħu bl-eċċezzjoni tal-*fair comment*. Kif ġie stabilit mill-qrati tagħna, l-prinċipji ġenerali dwar il-liberta' ta' l-istampa huma s-segwenti:

“(a) "*Ir-restrizzjonijiet li tagħmel il-liġi ta' l-istampa (Kap. 248) għandhom jiġu nterpretati fid-dawl ta' l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jiġi nterpretat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Dana l-iżvilupp fis-sistema legali tagħna huwa żvilupp sinjifikanti ħafna għal pajjiżna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' l-espressjoni. Madankollu, b'dana l-iżvilupp essenzjali, l-istampa ma ngħatat ebda passaport ta' immunita', billi tibqa' dejjem il-ħtieġa li jinżamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' espressjoni u ċ-ċensura tal-malafama. Dejjem jinħtieġ li jinżamm bilanċ bejn il-bżonn li f'soċjeta' demokratika jitħalla spazju suffiċjenti għal-liberta' li wieħed jikkritika u li jsemma' l-opinjoni u l-ġudizzju tiegħu, mal-bżonn l-ieħor, xejn anqas meħtieġ, tad-difiża tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'soċjeta' demokratika għandha kull dritt li tgawdi*."[6]

“(b) "*Kulħadd għandu d-dritt li jipproteġi r-reputazzjoni u fama tajba tiegħu; li wieħed jattakka r-reputazzjoni u jnaqqas l-istima li persuna tgawdi fis-soċjeta' hija ħaġa kerha u ta' min jistmerrha. Ir-reputazzjoni tajba hija aqwa minn kull ġid materjali u l-integrita' fiżika tagħna timmira*

---

[6] Appell : Vincent Borg vs Victor Camilleri : 15.11.1994 .

*wkoll li tħarsilna l-integrita' morali tagħna kif ukoll l-isem tajjeb tagħna. Dan kollu huwa raġonevolment meħtieġ f'soċjeta' demokratika u għalhekk, il-limitazzjoni li l-imsemmi artikolu tal-liġi jagħmel għal-liberta' ta' l-espressjoni bħala dritt fondamentali, għandha l-iskop li tipproteġi r-reputazzjoni u l-fama ta' ħaddieħor*." [7]

"Kif jgħallem l-**Odgers**,[8] "The following are the essential characteristics of fair criticism:-

"1. *Criticism deals only with such things as invite public attention, or call for public comment. It does not follow a public man into his private life, or pry into his domestic concerns.*

"*2. Criticism does not attack the individual but only his work. Such work may be either the policy of a government, the speech or action of a member of Parliament, a public entertainment, a book published or a picture exhibited. In every case the attack is on a man's acts, or on some thing, and not upon the man in his private capacity. A true critic never indulges in personalities or recklessly imputes dishonourable motives, but confines himself to the merits of the subject-matter before him.*

"3*. The critic never takes advantage of the occasion to gratify private malice, or to attain any other object beyond the fair discussion of matters of the public taste. He will carefully examine the production before him, and then honestly and fearlessly state his true opinion of it*."

"Ikompli jispjega l-istess awtur illi għalhekk din id-difiża ta' *fair comment* tfalli kemm-il darba l-kliem ilmentat ma jkunx:

[7] Qorti Kostituzzjonali : Lawrence Grech vs L-Onor. Prim'Ministru et. : 15.5.1995 vol. LXXIX. i. 148
[8] A Digest of the Law of Libel and Slander and of Actions on the Case for Words causing Damage : W. Blake Odgers and Robert Ritson 6th ed. 1929 p. 159 – 160 .

“”*(i) a comment and not the assertion of some alleged matter of fact;*

“*(ii) a comment on some matter of public interest;*

“*(iii) a fair comment; and*

“*(iv) a comment published without malice."* [9]

“Dwar l-ewwel rekwiżit dan l-awtur jkompli jelabora illi: "*A comment… is the expression of the judgement passed upon certain alleged facts by one who has applied his mind to them, and who while so commenting assumes that such allegations of fact are true. The assertion of a fact is not a comment at all. If the words complained of contain allegations of fact which are denied by the plaintiff, and which the defendant cannot prove to be true, there must be a verdict for the plaintiff*." [10] Infatti fil-każ tagħna l-attur jilmenta mill-fatt li l-konvenut akkużah falzament illi meta ġie biex jikkwota minn dokument importanti tas-Santa Sede, ġab biss dak li kien jaqbel lilu u ħalla barra partijiet oħra. Irriżulta pero' illi l-attur tassew iċċita biss partijiet mill-*Bulla Suprema Dispositione* tal-Papa Alessandru VII tal-1663 li permezz tagħha l-Knisja ta' l-Assunta ġewwa l-kastel tar-Rabat saret kolleġġjata, u dan jammettih l-istess attur meta fl-istess kwotazzjoni isemmi kemm-il darba l-kelma "*omissis*". [11] F'dan ir-rigward jidher għalhekk illi l-attur ma kellux raġun.

“L-Odgers jinkludi l-kotba, bħal ma għandna fil-każ in eżami, bħala *matters of public interest* għall-fini tat-tieni rekwiżit. "*A man who publishes a book challenges criticism. Therefore all fair and honest criticism on any published book is not libellous. But the critic must not go out of his way to attack the private character of the author*." [12] Fil-każ tagħna ma jistax jingħad illi s-suġġett li dwaru kiteb l-ewwel l-attur, u mbagħad wieġeb il-konvenut

---

[9] op. cit p. 160 .
[10] op. cit p. 161 .
[11] ara pag. 44 tal-ktieb ta' l-attur .
[12] op. cit. p. 176

ma kienx ta' ċertu nteress pubbliku, almenu fiċ-ċrieki parrokkjali tar-Rabat, Għawdex, u ż-żewġ każini tal-baned li rispettivament jappoġġjawhom. Wieħed għalhekk kien jistenna illi xi ħadd mill-kamp oppost kien ser jagħmel reazzjoni għal dak li kien ġie rivelat dwar din il-kwistjoni tal-matriċi. Infatti l-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb ġiet immedjatament segwita b'diversi artikoli w ittri fil-gażżetti, u mbagħad b'mod iżjed dettaljat fil-ktieb in eżami. Madankollu jirriżulta li l-konvenut ma rrestrinġiex ruħu li jikkummenta u jikkritika t-teoriji u asserzjonijiet ta' l-attur, imma sfortunatement mar oltre u anke daħal fil-personali billi għajjar bi kliem xejn xieraq lill-awtur tal-ktieb li kien qed jikkummenta dwaru. Żgur li sentenzi bħal "*Għaliex kull ma fih dan il-ktieb mhux ħlief ideat stupidi ta' ħadd ieħor, ripetuti, kkupjati, u maniplati li Karmenu nizżżilhom fl-istonku tiegħu u imbagħad reġa' rriġetthom fuq il-qarrejja tiegħu. Ħaġa bħal din saret fl-imgħoddi. Il-qarrieq inqabad u l-għajb tiegħu baqa' jissemma fl-istorja*," [13] "*Il-kwotazzjonijiet għamilhom biex jimpressjona kemm hu bravu*," [14] u "*Dan hu kliem tad-deheb li, kieku Karmenu Grech applikah għalih innifsu, ma kienx jaqa' fl-iżbalji li waqa' fihom, żbalji li ma jitħassrux bil-gomma, żbalji li se jpoġġuh mal-lista tan-nies mistkerrha mill-istorja għaliex ipprovaw jgħawġu l-verita' u nqabdu*." [15] huma kummenti żejda indirizzati direttament lill-persuna ta' l-attur, kliem li l-konvenut seta' faċilment evita fil-kritika tiegħu tal-kitba ta' l-attur u li ma jsaħħu bl-ebda mod it-teżi tiegħu.

“Dwar it-tielet rekwiżit l-awtur hawn iċċitat jispjega: "*Whether a comment is or is not technically 'fair' depends upon the language in which it is expressed… The limits of fair comment have been laid down from time to time in the Courts and (are) …perhaps best stated in the following passage: ' What is the meaning of 'a fair comment'? I think the meaning is this: is the article, in the opinion of the jury, beyond that which any fair man, however prejudiced or however strong his opinion may be, would say of the work in question?… It is difficult to say what is within the limit. That must depend upon the*

---

[13] l-Arci-matrici li qatt ma kienet : p. 11 .
[14] ibid. p. 14
[15] ibid. p. 15

*circumstances of the particular case… Mere exageration, or even gross exaggeration, would not make the comment unfair. However wrong the opinion expressed may be in point of truth, or however prejudiced the writer, it may still be within the prescribed limit. The question which the jury must consider is this: Would any fair man, however exaggerated or obstinate his views, have said that which this criticism has said*? (per Lord Esher, M.R., in Merivale and Wife v. Carson, 20 Q.B.D., at pp. 280, 281). "*The criticism is to be 'fair', that is, the expression of it is to be fair. The only limitation is upon the mode of expression. In this country a man has a right to hold any opinion he pleases, and to express his opinion, provided that he does not go beyond the limits which the law calls 'fair*' " (per Bowen, L.J., in the same case, 20 Q.B.D., at pp. 283, 284)." [16] Fil-każ in eżami nsibu diversi kummenti li fil-fehma ta' din il-qorti jmorru ferm oltre l-kunċett ta' *fair criticism,* kif hawn imfisser. Hekk per eżempju frażijiet bħal: "*il-qerq sfaċċat li jippreżenta dan il-ktieb lill-qarrejja, qerq li mhux biss jagħmel diżunur lil min kitbu*;" [17] "*Il-ktieb tiegħu m'hux ħlief tqanżiha waħda ta' tgħawwiġ ta' fatti, manipular ta' dokumenti, asserzjonijiet gratwiti.., Id-dokumenti kollha igiddbuh bl-iżjed leħen għoli quddiem Alla u quddiem il-poplu*;" [18] "*baqa' jikkopja… ikkupjar sfrenat! Dokumentazzjoni xejn!… plagjariżmu ta' ħmerijiet u ideat stupidi frott ta' injoranza grassa fis-suġġett!*" [19] "*Dawn qegħdin jaħsbu li kulħadd għandu l-istess mentalita' parnojka tagħhom*;" [20] "*Hekk ġralu Karmenu Grech. Bela' kollox bħal mazzun;*" [21] "*Il-qofol tal-qerq u l-ingann miżrugħ permezz tal-ktejjeb ta' Karmenu Grech*…" [22]

u bosta kummenti oħra ta' xejra simili mifruxa mal-ktieb kollu tal-konvenut, ċertament imorru oltre dak li wieħed jistenna minn kumment kritiku serju ta' l-opinjonijiet u ideat ta' ħaddieħor li ma jaqbilx miegħek.

[16] op. cit. p.180 – 181 .
[17] l-Arci-Matrici li qatt ma kienet p. 11
[18] ibid: p. 13
[19] ibid. p. 43
[20] ibid. p. 66
[21] ibid. p. 87
[22] ibid. p. 95

"Dwar l-aħħar rekwiżit sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-*fair comment*, l-Odgers jikkumenta illi: "*In order that he defence of fair comment may avail, it must have been made bona fide and not from any malicious motive. A critic must always state his true opinion of the work before him; if he thinks well of the work and yet condemns it, he is acting dishonestly and will fail in his defense, even though the language used does not exceed the limits of a fair comment*." [23] M'hemmx dubbju li l-konvenut jemmen bil-qawwa kollha fl-inkorrettezza tat-teżi esposta mill-attur fil-ktieb tiegħu, u m'hemm ebda l-ebda prova u lanqas biss ġie allegat, ħlief fil-każ ta' l-*omissis* hawn fuq diskussa, li l-konvenut kien diżonest fil-kummenti tiegħu. Minn naħa l-oħra għalkemm huwa stess stqarr kemm-il darba li qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħu li jweġġa' jew jagħmel ħsara lill-attur, illum hemm qbil fid-dottrina u l-ġurispudenza li n-nuqqas ta' intenzjoni simili mhix difiża valida. Hekk jispjega l-awtur ġia ċitat illi: "*In an ordinary action for a libel or for words, though evidence of malice may be given to increase the damages, it never is considered as essential, nor is there any instance of a verdict for the defendant on the ground of a want of malice…an accidental or inadvertant publication of defamatory words may be ground for an action. The law looks at the tendency and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher… if he has published words which have in fact injured the plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act*." [24]
Hekk ukoll il-qrati tagħna rribadew illi: "… *sabiex ikun hemm libell, biżżejjed li jiġi pubblikat kliem li joffendi r-reputazzjoni tal-persuna offiża, u mhux meħtieġ li l-imputat ikollu l-intenzjoni speċifika li jivvilifika*." [25]

"Jirriżulta għalhekk illi l-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenut dwar id-difiża tal-*fair comment* tfalli f'mhux inqas minn żewġ rekwiżiti kif hawn fuq imfissra. Dak li qal il-konvenut

---

[23] op. cit. p. 185
[24] op. cit. p. 281, ara wkoll : Gatley on Libel and Slander : 8th ed. para. 89, p. 45
[25] Pulizija vs Micallef Stafrace : vol. XLIII. iv. 880; ara wkoll Pulizija vs Anthony Montanaro et. : 23.09.1976 .

fil-ktieb tiegħu "***L-Arċi-Matriċi li qatt ma Kienet***" f'diversi partijiet minnu kif indikat mill-attur fil-lista annessa ma' l-affidavit tiegħu, [26] ma jistax jiftiehem mod ieħor minn *'a fair man'* u ċioe' minn xi ħadd ta' intelliġenza medja, ħlief bħala attakk personali fuq l-integrita' u kredibilita' ta' l-attur bil-konsegwenza li jnaqqaslu r-reputazzjoni tajba tiegħu.

“Jibqa' għalhekk biss sabiex jiġu kwantifikati d-danni pagabbli lill-attur per konsegwenza ta' dan il-libell. Kif ġie ribadit mill-qrati tagħna: "*Il-mezzi li l-liġi tuża sabiex tirrepara u tirristabilixxi d-dritt vjolentement spostat fuq il-bażi tiegħu huma diversi… Infatti… min jonqos minn obbligazzjoni jiġi obbligat jadempiha fil-forma speċifika jew jiġi kundannat għar-riparazzjoni tad-danni bħala surrogat reintegrattiv. Imma hemm ċerti fattijiet li huma rriperabbli bħal meta jkun hemm id-distinzjoni, il-għaliex hu loġiku u naturali li dak li jiġi distrutt ma jistax jerġa' jirritorna taħt l-ebda forma. (Il-bniedem maqtul, l-unur tal-persuna kalunjata jew malafamata huma eżempju ta' fattijiet irreparabbli)*." [27] Hekk ukoll ġie konfermat illi: "*L-interess biex wieħed jaġixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purche' ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għall-lezzjoni ta' veru dritt; u għalhekk ittra mibgħuta lil persuna, li tilledi l-onorabilita' ta' persuna oħra, tagħti lil dan ta' l-aħħar id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-liġi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsita' tal-kontenut ta' dik l-ittra;* ***u dan avvolja l-persuna offiża ma tkunx sofriet danni materjali***." [28]

“Fil-każ in eżami ma tressqu l-ebda provi dwar danni attwali li setgħu ġew ikkawżati lill-attur bil-malafama kkawżata bil-pubblikazzjoni tal-konvenut. Għalhekk m'hu ser jiġi likwidat ebda ammont f'dan ir-rigward. Imma, ndipendentement minn xi danni attwali, l-Att dwar l-Istampa jagħti massimu ta' ħamest’elef lira maltija (illum EUR11650) bħala kumpens għad-danni morali kkawżati lill-persuna offiża.[29] Hija mħollija fid-diskrezzjoni assoluta

[26] a fol. 55 - 60 tal-process
[27] Onor. Paul Boffa noe et vs Paul Zammit : Prim'Awla : 6.2.1950 vol. XXXIV p. II. p. 480
[28] Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti A&CE : Prim'Awla : 8.11.1957
[29] art. 28(1) tal-Kap. 248 .

tal-Qorti li tkun semgħet il-każ li tiffissa ammont sa mhux iżjed mill-massimu stabilit mil-liġi u  li jkun l-iżjed jixraq għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.  Fil-każ tagħna għandha pubblikazzjoni ta' darba waħda biss limitata għal ħames mitt (500) kopja, li skond il-konvenut ma nbiegħux iżjed minn 300 kopja minnha. Dan jista' jitqies verosimili, tenut kont l-interess limitat li jista' jkollha l-polemika tal-matriċi għal ċirku limitat ta' sostenituri ffissati taż-żewġ parroċċi tar-Rabat. Hemm ukoll in-nuqqas ta' intenzjoni malizjuża da parti ta' l-awtur tiegħu. Minn naħa l-oħra wieħed irid jikkunsidra wkoll illi pubblikazzjoni bħal din hija xi ħaġa pjuttost permanenti, u l-ħsara li ġiet ikkaġunata bl-attakki diretti lejn l-attur sejra tibqa' teżisti. Għalhekk, meqjus kollox,  is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (Eur1500) għandha tkun waħda adegwata għall-fini tal-kumpens dovut lill-attur."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri , Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali nhar il-Gimgha, sebgha (7) ta' Novembru 2008 fejn permezz taghha laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-appellant sabiex ihallas l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) in linea ta' danni ghall-malafama sofferta mill-appellat u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant.

In linea sussidjarja u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tammettix l-ewwel zewg aggravji tal-attur appellant, l-esponenti jkompli jitlob wkoll sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tnaqqas l-ammont ta' danni likwidati u li ghandhom jithallsu lill-appellat skont l-Artikolu 28 tal-Att dwar l-istampa.

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad dan l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta' libell li l-attur ghamel kontra l-konvenut awtur tal-ktieb "L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet". L-attur, qassis li, fi kliemu, ihobb jaghmel ricerka u jikteb dwar l-istorja, kien ippubblika ktieb fl-1996 bl-isem "Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta' Ghawdex", li kien jirrigwarda l-istorja tal-Knisja ta' San Gorg gewwa l-Victoria. Il-konvenut, li wkoll hu studjuz tal-istorja, hareg il-ktieb tieghu biex jikkontradixxi dak li qal l-attur fil-ktieb tieghu. Skont l-attur, il-konvenut ma illimitax ruhu li jikkritika l-pozizzjoni li ha l-attur fil-ktieb tieghu, izda infexx f'attakki personali u tghajjir b'mod li l-attur qed jallega li gie espost ghar-redikolu jew ghal disprezz tal-pubbliku. L-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ghal malafama u ordnat ihallas id-danni.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur u qalet li l-konvenut ma llimitax ruhu li jikkritika t-teoriji u l-osservazzjonijiet tal-attur, izda mar oltre "u anke dahal fil-personali billi ghajjar bi kliem xejn xieraq lill-awtur tal-ktieb li kien qed jikkummenta dwaru".

Il-konvenut appella mis-sentenza u stqarr li ma jaqbilx mal-ewwel Qorti peress li l-ktieb tieghu huwa bazikament turija tal-pozizzjoni zbaljata li ha l-attur fil-ktieb tieghu.

Fl-ewwel lok jidher car li l-appellant qed jilmenta mill-apprezzament, skont hu zbaljat, li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi. Ghandu jigi rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta. Fil-kaz in ezami, hija fliet bir-reqqa l-provi migbura u sabet li hija sostanzjalment tikkondividi l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel

Qorti. Minn qari tal-ktieb tal-konvenut jirrizulta b'mod car li l-konvenut attakka mhux biss il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-attur, izda attakka lill-istess attur personalment u attribwixxa lill-attur qerq, injoranza u stupidita`, fost aggettivi ohra. Li tghid li l-attur "iqarraq", ma jfissirx biss, kif jissottometti l-konvenut, li l-attur "jipprezenta bhala verita` xi haga li ma tkunx tezisti", izda li l-attur ghamel dan intenzjonalment; jigifieri, li hu kien jaf li dik ix-xi haga ma tezistix, izda b'qerq u intenzjonalment, ghall-iskopijiet ulterjuri tieghu, ressaqha bhala verita`. Insinwazzjoni simili hija ripetuta fil-ktieb u hi intiza bla dubju biex tirredikola lill-attur u jtellfu mill-gieh li jista' jgawdi mal-pubbliku.

Hawn mhux kaz fejn il-konvenut semplicement wasal biex imeri lill-attur fl-asserzjonijiet tieghu, izda attakka l-persuna tieghu. Ma qalx biss li l-attur kien zbaljat, izda li qarraq; ma qalx biss li l-attur ma ghamilx ir-ricerka sew izda li hu injorant; lanqas ma llimita ruhu biex jghid li r-ricerka kienet selettiva, izda ghajru b'"ideat stupidi". Dan kollu jmur lill 'hinn minn kritika tax-xoghol li wettaq l-attur, u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, b'riferenza ghall-istudju li W. Blake Odgers u Robert Ritson ghamlu fuq il-libelli ("A Digest of the Law of Libel and Slander and of Actions on the Case for Words causing Damage"), il-konvenut ecceda l-limiti peress illi "the critic must not go out of his way to attack the private character of the author". Il-fatt li fil-ktieb tieghu l-konvenut qatt ma jirreferi ghall-attur bit-titolu tal-vokazzjoni maghzula tieghu, izda biss bhala "Karmenu" jew "Karmenu Grech", juri l-hsieb li jattakka l-awtur flok il-prodott.

Ezempju tal-kritika personali li uza l-konvenut johrog mis-segwenti paragrafu tal-ktieb tieghu:
"*Il-qofol tal-qerq u l-ingann mizrugh permezz tal-ktejjeb ta' Karmenu Grech jintlahaq fil-Kapitlu Tmienja meta jsejjah lill-Parrocca ta' San Gorg Arci-Matrici bil-fatt u bi dritt meta d-dokumenti antiki kollha juru li San Gorg qatt ma kienet Matrici u la bil-fatti u lanqas bid-dritt, ahseb u ara arci-matrici. Dan jigri ghaliex minn premessi foloz ma tistax tohrog ghajr konkluzjoni falza.*"

L-ahhar sentenza hija permissibbli fil-kuntest tal-kritika tal-modus operandi tal-attur, pero`, l-ewwel sentenza ma hijiex accettabbli ghax tattribwixxi skop malin lill-attur. Wiehed irid jiftakar li l-attur mhix persuna involuta fl-isfera pubblika jew politika, u lanqas ma hi kritika diretta lejn l-attur fil-kuntest tal-ezercizzju tal-professjoni, arti jew sengha tieghu, ghax iz-zewg partijiet huma biss dilettanti tal-istorja u mhux professjonisti fil-qasam. Kwindi l-kritika kellha tkun bilancjata u fil-limiti tal-onesta` u l-korrettezza, u mhux b'li wiehed jinfexx f'attakki personali kontra awtur li jressaq veduti li maghhom dak li jkun ma jaqbilx. Hi korretta kritika fis-sens li l-attur "ipprezenta l-opinjonijiet tieghu bhala stat ta' fatt meta dawn ma kenux hlief ideat u teoriji bla bazi fattwali" pero`, ma hijiex fl-istess sens kritika li tghid li l-attur kkwota dokumenti li qabillu u li "dawwar u hawwad" l-istorja kif qabillu, u li agixxa "malizzjozament". Din tal-ahhar mhux kritika, izda insult!

Meta tghid li l-attur qarraq jew tinsinwa li mhux sincier, ma tkunx qed tikkritika l-idea, izda lilu personali. L-istess meta l-konvenut stqarr li dak li ghamel l-attur "se jpogguh mal-lista tan-nies mistkerrha mill-istorja"; insinwazzjoni li tixraq biss lill-aghar nies tal-istorja mondjali, u zgur mhux lill-attur ghall-allegati zbalji li, skont il-konvenut, huwa wettaq. Il-konvenut ma kkritikax biss t-tezi storika u l-konkluzjonijiet li silet minnhom l-attur, izda infexx f'tghajjir kontra l-"banalitajiet", "tbaghbis", "hmerijiet" u "in-nofs veritajiet" li, skont hu, huma l-frott tal-istudju li suppost ghamel l-attur.

Ghar-rigward l-aggravju dwar id-dannu, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja s-somma li llikwidat l-ewwel Qorti fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha. Il-malafama, li f'dan il-kaz hija ta' entita` sostanzjali u kiefra, saret fi ktieb li tqassam ghall-bejgh lill-pubbliku in generali, ma kienetx ristretta ghal numru zghir ta' nies. L-attur hu qassis u edukatur li jgawdi reputazzjoni tajba almenu fil-gzira ta' Ghawdex fejn hu mgharuf, u l-kummenti tal-konvenut kienu intizi biex itellfulu din ir-reputazzjoni u jisponuh ghar-redikolu. Il-konvenut hu hati ta' "character assassination" fil-konfront tal-attur tal-aktar gravi, u bl-ebda mod ma tista'

din il-Qorti tasal biex tiggustifikah ghal mod kif hareg jghajjar lill-attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma in toto is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------